MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Numru. 871/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur T. Sciberras )**

**vs**

**RAMONA VASSALLO**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ramona Vassallo ta 38 sena mwieleda fil 5 ta' Settembru 1971 Attard bint Christino u Pia Maria nee Bartolo u residenti f no 279, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar detentrici tal-karta tal-identita numru 413371M

Giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fil-19 ta Awissu 2010 f'xi hin bejn nofs in-nhar u l- hamsa ta wara nofs inhar, gewwa San Pawl il-Bahar ghamlet offiza ta natura gravi fuq Irina Alekseevna Vassallo hekk kif giet iccertifikata

minn Dr Vassallo MD Reg no 5254 tal- Mosta Health Centre

U aktar talli fl' istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku, qalet xi kliem oxxenn jew indicenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagha.

U aktar talli fl istess jum hin lok u cirksotanzi kellha fil-pussess taghha arma irregulari minghajr il-permess tal-Kummissarju tal- Puluzija

U aktar talli fl'istess fil 19 ta Awissu 2010 u diversi granet qabel gabet ruha b'tali moghod li l-imgieba taghha ikkagunata lil haddiehor u cioe lill missiera Cristino Vassallo u lill Irina alekseevna Vassallo li jibzaw li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni

U aktar talli kkommettiet reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza mposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza moghtija nhar l-18 ta Marzu 2010 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li saret recediva ai termini ta' l-artikoli 49, 50 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kienet misjuba hajai ta' diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula

U aktar talli fl'istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku

Il-Qorti giet mitluba li tipprovdi ghas-sigurta tal- vittmi billi tipprotegijhom minn kull biza ta fastidju jew forma ta imgieba li ggieb il-biza ta vjolenza, tohrog ordni ta protezzjoni kontra l-akkuzat

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali li jinsab a fol. 25 tal-Process u li hu esebit bhala Dok. TSP1 u nnutat li l-imputata Ramona Vassallo m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 23, 31, 216, 338(bb), 342. 251B, 28A, 28B, 28C, 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Ramona Vassallo, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, nkwantu ghall-akkuzi kollha salv il-hames akkuza migjuba kontra l-imsemmija imputata tikkundanna lill-imputata Ramona Vassallo ghall-piena komplessiva ta’ disa’ (9) xhur prigunerija u nkwantu ghall-hames (5) akkuza migjuba kontra l-istess imputata tordna li fil-konfront tal-imputata Ramona Vassallo tigi resa operattiva s-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-18 ta’ Marzu, 2010, Seduta tat-Traffiku, kawza Numru 2 fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Ramona Vassallo” (Dok QS1 minn fol. 49 sa fol. 50 tal-Process) u fejn l-imputata Ramona Vassallo giet ikkundannata tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghall-sentejn (2), u b’hekk l-imputata Ramona Vassallo ghandha taghmel b’kollox tnax (12)-il xahar prigunerija.

Inoltre l-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputata Ramona Vassallo sabiex fi zmien sena millum thallas lir-Registratur tal-Qrati s-

somma totali ta’ mija u sitta u sebghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmi ta’ Ewro (Ewro 176.28) rappresentanti hmistax-il Ewro (Ewro 15) inkwantu ghall-spejjes ta’ traduzzjoni u mija u wiehed u sittin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmi ta’ Ewro (Ewro 161.28) inkwantu ghall-spejjes inkorsi bin-nomina tal-Espert Dr. Mario Scerri M.D..

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska tal-oggett (sikkina) esebit bhala Dok. TSP5.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------